**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 020/2019

13 ta' Lulju 2020

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-3:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | – Sindku |
| Marco Agius | – Vici-Sindku |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| Melanie Agius Attard | - Kunsilliera |
| James Cauchi | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgħa.

## 20.1 Qari ta' ittri ta' apologija

20.1.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett kienet talbet lill-Kunsill Lokali jiskuza l-assenza tagħha mis-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Spiteri Hammett kellu jiġi meqjus bħala ġustifikat.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

20.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 19 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

20.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

## 20.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

20.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgħa li l-Kunsill Lokali kellu u li matulha kienu ġew diskussi dettalji dwar il-proġett ta' *community gardens* li l-Kunsill Lokali kien qiegħed jippjana li jimplimenta fil-lokalita'.

*F'dan l-istadju is-Sur Marco Agius ħalla s-seduta (18:15)*

20.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bil-proġett *slow streets*, liema proġett kien qiegħed jiġi diskuss u implimentat flimkien mar-Reġjun Xlokk u l-Assocjazzjoni għall-Gvern Lokali.

*F'dan l-istadju is-Sur Marco Agius daħal lura għas-seduta (18:19)*

20.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet irċeviet proposta għal *road hump* fi Triq l-Immakulata. Hija żiedet tgħid illi kemm il-darba ma jkunx hemm oġġezzjonijiet, kien ser ikun qiegħed isir il-kordinament meħtieġ sabiex *pedestrian crossing* li kien hemm fl-istess triq issir *humped pedestrian crossing.*

20.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi proġett bl-isem ta' Dar Tereża li kien qiegħed jiġi implimentat fi Triq il-Karmnu, bil-kordinament tal-fondazzjoni Richmond. Is-Sa. Zerafa Civelli għaddiet lill-Kunsill Lokali dettalji dwar l-operat u l-għan tal-istess proġett.

20.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju 2020 kienet ser tittella' attivita' żgħira minn boutique hotel li kien hemm fi Triq l-Oratorju. Għall-attivita' kien mistieden il-Kunsill Lokali.

## 20.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

20.4.1 Ma kienx hemm

## 20.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;

20.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru007/20) ghall-approvazzjoni.

20.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Melanie Agius ssekondata mis-Sur Marco Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

20.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Gunju 2020.

20.5.4 Fuq proposta tas-Sur Johann Scerri ssekondat mis-Sa. Melanie Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (Dok B).

*F'dan l-istadju is-Sa. Melanie Agius harget mill-kamra tas-seduta (18:28)*

## 20.6 Sejhiet ghall-offerti/ kwotazzjonijiet

20.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet inzammet laqgha mal-perit tal-Kunsill Lokali li matulha kien gie diskuss il-progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jimplimenta fi Grawnds Peppi Delceppo. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-istess perit tal-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jaghmel revizjoni tal-istima tal-progett bil-ghan illi fis-seduta segwenti il-Kunsill Lokali ikun jista' jigi iggwidat dwar l-istima kumplessiva u eventwalment tittiehed decizjoni dwar sejha ghall-offerti li kien jinhtieg illi tinhareg b'konnessjoni mal-istess progett.

*F'dan l-istadju is-Sa. Melanie Agius dahlet lura tas-seduta (18:34)*

## 20.7 Mili ta' postijiet vakanti

*F'dan l-istadju is-Sindku ipproponiet illi peress li kienu ser ikunu qieghdin jissemmew individwi u tinghata informazzjoni sensitiva dwar l-istess individwi, bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jimxi skont l-etika u jkun konformi ma' General Data Protection Regulations tigi sospiza s-seduta u jkun hemm diskussjoni fil-maghluq bejn il-membri tal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil unanimu mal-proposta tas-Sindku u s-seduta giet sospiza (18:48)*

*Il-membri tal-Kunsill Lokali dahlu lura fil-kamra u tkompliet is-seduta (19:05)*

20.7.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport tal-bord mahtur mill-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma' sejha interna ghal ingagg ta' skrivana fi skala 15. Is-Sa.Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kien sar interview lill-kandidata eligibbli, il-bord kien qieghed jirrakkomanda illi l-impjieg ma jinghatax lill-istess individwu.

20.7.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord. Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jinforma lil Jobsplus sabiex ikun jista' jitkompla l-process

**20.8 Cospicua Short Play Festival 2020**

20.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi galadarba l-Gvern Centrali kien irtira direttiva sabiex ma jsirux attivitajiet tal-massa, il-Kunsill Lokali beda l-preparamenti sabiex hekk kif ippjanat tittella' t-tielet edizzjoni tal-Cospicua Short Play Festival. Ghal dan il-ghan, kienu saru numru ta' laqghat ta' kordinament ghall-attivita' li kienet ippjanata li tittella' nhar l-4 u l-5 ta' Settembru 2020. Filwaqt li aggornat lill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti li kienu saru sal-gurnata tas-seduta, is-Sindku pprezentat fuq il-mejda numru ta' stimi li kienu ingabru b'konnessjoni mal-istess attivita'. Kien hemm qbil illi kellhom jigu ordnati s-segwenti :

- Risk assessment ghall prezz ta' Ewro 250
- Banner 8000mmX1500mm ghall-prezz ta' Ewro265.50
- PVC signs 3mm ghall-prezz ta' Ewro3.54 il-wahda
- Kiri ta' 10 X UHF radios ghall-prezz ta' Ewro 180
- Kiri ta' zewg gazebos ghall-prezz ta' Ewro 177

**20.9 Rapporti**

20.9.1 Il-Kunsillier Johann Scerri aggorna lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' inizjativa li kien ippropona fis-seduta segwenti ( sigra tal-hadid ornamentali ghal zmien il-Milied). Is-Sur Scerri sahaq illi kien iltaqa' mal-perit tal-Kunsill Lokali li min-naha tieghu kien ser ikun qieghed jhejji rapport tekniku dwar l-ispejjez involuti u l-materjal mehtieg ghas-sahha u s-sigurta'.

20.9.2 Is-Sur Johann Scerri pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali proposta minghand NGO sabiex sit li kien jinsab fi Triq l-Immakulata jigi rigenerat u jibda' jintuza ghal skop ta' tahrig u esibizzjonijiet ta' klieb. Wara li s-Sur Scerri ghadda lill-Kunsill Lokali dettalji tal-proposta, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tinzamm laqgha mal-NGO li kienet ressqet il-proposta.

20.9.3 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Gie deciz illi ma kellha tinsab ebda oggezzjoni ghal proposta ta' Festivals Malta li tittella' attivita' bl-isem ta' Hybrid Festival fi Pjazza Paolino Vassallo. Kellu jsir kordinament mal-Banda San Gorg bil-ghan illi ma jkunx

hemm konfuzjoni peress li l-ghaqda msemmija wkoll kienet qieghda tipproponi illi fl-istess gurnata filghaxija tittella' attivita' fi Pjazza Paolino Vassallo.

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'rapport li kien sar mid-*Data Protection Officer* tal-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma' *General Data Protection Regulations.* Fir-rigward, is-Segretarju Ezekuttiv spjega fid-dettall id-dettalji tal-istess rapport u x'kien qieghed jaghmel il-Kunsill Lokali fir-rigward.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellha ssir konsultazzjoni ma' Kunsilli Lokali ohra b'konnessjoni ma' proposta li kienet waslet minghand individwu ghal qbid ta' hamiem selvagg.
- Kien hemm qbil illi kellu jinxtara generatur tal-elettriku minghand wiehed minn tliet kuntratturi li kienu ghaddew stima lill-Kunsill Lokali. Fir-rigward, kellha ssir spezzjoni lill-orhos zewg offerti bil-ghan illi minbarra l-prezz jigi evalwat ukoll l-aspett tekniku u jinxtara l-generatur li jkun l-aktar adattat ghall-uzu tal-Kunsill Lokali.

**20.10 Dawl tat-toroq u fanali ornamentali.**

20.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li fis-seduta precedenti kienet ittiehdet decizjoni illi jsiru zewg fanali ornamentali biswit monument tal-gwerra li kien hemm fi Triq Dom Mintoff, u fanal ornamentali bi tliet lanterni biswit il-binja maghrufa bhala Rialto kien sar ezercizzju bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jkun jista' jigi ggwidat dwar l-ispiza relatata mal-istess fanali. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi minn ricerka li kienet saret, l-istess fanali kienu ser jiswew madwar tmint'elef ewro.

20.10.2 Is-Sindku qalet illi fl-opinjoni taghha, filwaqt li kellha tinhareg sejha ghall-offerti ghat-tliet fanali hekk kif diskuss, mal-istess sejha ghall-offerti kellhom jigu inkluzi fanali ornamentali fi Triq Nelson, Triq Verdala, Triq Erin Serracino Inglott, Misrah Bormla, Suq Bonnici u tarag li kien hemm fi Triq San Mikiel. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-fanali kellhom ikunu identici ghal dawk li kienu inxtraw permezz ta' sejha ghall offerti precedenti u minn ezercizzju li kienet ghamlet fit-toroq imsemmija kien hemm dsatax il-fanal. Kien hemm qbil illi unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tinhareg sejha ghall-offerti komuni ghall-fanali in-kwistjoni.

**20.11 Tismija ta' toroq**

20.11.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li l-Kunsill Lokali kien ippropona l-bdil ta' isem f'sebgha toroq, liema proposta kienet giet accettata mill-kumitat ghat-tismija tat-toroq kien imiss illi jigu ordnati l-plakek li juri l-ismijiet tat-toroq il-godda. Ghal dan il-ghan kienu igabru stimi minghand diversi kuntratturi bl-orhos offerta tkun tammonta ghal Ewro 85 ghal kull plakka (VAT eskluz). Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jordna l-plakek minghand l-orhos offerent.

-

21.11.2 Is-Sur Martin Vella qal illi b'zieda mat-toroq imsemmija, kienet waslitlu proposta li tissemma triq ghas-Sur Charles Clews. Is-Sur Vella qal illi fl-opinjoni tieghu, filwaqt li l-proposta kienet valida, il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra illi jsemmi triq li kienet tinsab wara l-kazin tal-Banda San Gorg ghall-imsemmi individwu. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti

**20.12 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

20.12.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-6:15p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghas-6 t'Awissu 2020 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 6 t'Awissu, 2020

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | ______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |